**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Frar 2013 — Langguth Erben vs UASI (MEDINET)**

**(Kawża T-378/11)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva MEDINET — Trade marks nazzjonali u internazzjonali figurattivi preċedenti MEDINET — Talba tal-anzjanità tat-trade marks nazzjonali u internazzjonali preċedenti — Trade marks preċedenti bil-kulur u trade mark Komunitarja li għaliha saret l-applikazzjoni li ma turi l-ebda kulur b'mod partikolari — Assenza ta' identiċità tas-sinjali — Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 — Espedjenza tal-proċedimenti orali — Artikolu 77 tar-Regolament Nru 207/2009")***

(2013/C 108/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Franz Wilhelm Langguth Erben GmbH & Co. KG (Traben-Trarbach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Kunze u G. Würtenberger, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: K. Klüpfel u G. Schneider, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-10 ta' Mejju 2011 (Każ R 1598/2010-4), dwar talba tal-anzjanità ta' trade marks preċedenti, fil-kuntest ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv MEDINET bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Franz Wilhelm Langguth Erben GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 269, 10.09.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Frar 2013 — Nitrogénművek Vegyipari vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-387/11)** [1]

***("Għajnuna mill-Istat — Settur bankarju — Krediti garantiti mill-Ungerija u mogħtija minn bank tal-iżvilupp — Deċiżjoni li tiddikjara l-miżuri ta' għajnuna parzjalment inkompatibbli u li tordna l-irkupru tagħhom — Kriterju tal-investitur privat")***

(2013/C 108/61)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Nitrogénművek Vegyipari Zrt. (Pétfürdő, l-Ungerija) (rappreżentanti: Z. Tamás u M. Le Berre, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche, P. Němečková u C. Urraca Caviedes, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/269/UE, tas-27 ta' Ottubru 2010, dwar Għajnuna mill-Istat C 14/09 (ex NN 17/09) mogħtija mill-Ungerija lil Péti Nitrogénművek Vegyipari Zrt. (ĠU 2011, L 118, p. 9).

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Nitrogénművek Vegyipari Zrt. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 282, 24.09.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Frar 2013 — Laboratoire Bioderma vs UASI — Cabinet Continental (BIODERMA)**

**(Kawża T-427/11)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali BIODERMA — Assenza ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża — Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009")***

(2013/C 108/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Laboratoire Bioderma (Lyon, Franza) (rappreżentant: A. Teston, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Cabinet Continental (Pariġi, Franza) (rappreżentant: J.-C. Brun, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-28 ta' Frar 2011 (Każ R 861/2009-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Cabinet Continental u Laboratoire Bioderma.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-28 ta' Frar 2011 (Każ R 861/2009-1) hija annullata sa fejn din tikkonċerna s-sustanzi tad-dieta għal użu mediku li jaqgħu fil-klassi 5.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *Laboratoire Bioderma għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll nofs l-ispejjeż tal-UASI u ta' Cabinet Continental.*

(4) *L-UASI u Cabinet Continental għandhom ibatu nofs l-ispejjeż tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 298, 08.10.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Frar 2013 — Caventa vs UASI — Anson's Herrenhaus (B BERG)**

**(Kawża T-631/11)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva B BERG — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti Christian Berg — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2013/C 108/63)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Caventa AG (Rekingen, l-Isvizzera) (rappreżentanti: inizjalment J. Krenzel, sussegwentement minn T. Stein u A. Segler, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: K. Klüpfel u D. Walicka, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Anson's Herrenhaus KG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Löffel u P. Lange, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-15 ta' Settembru 2011 (Każ R 2014/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Anson's Herrenhaus KG u Caventa AG.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud*

(2) *Caventa AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 32, 04.02.2012.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Frar 2013 — Albergo Quattro Fontane et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawżi magħquda T-278/00 sa T-280/00, T-282/00 sa T-286/00 u T-288/00 sa T-295/00)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali favur impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Venezia u ta' Chioggia — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li timponi l-irkupru tal-għajnuna mogħtija — Rikors manifestament infondat fid-dritt")***

(2013/C 108/64)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Albergo Quattro Fontane Snc (Venezia Lido, l-Italja) (Kawża T-278/00); Comitato "Venezia vuole vivere" (Marghera, l-Italja) (Kawżi T-278/00 sa T-280/00, T-282/00 sa T-286/00 u T-289/00 sa T-295/00); Hotel Gabrielli Sandwirth SpA (Venezia, l-Italja) (Kawża T-279/00); Astrocoop — Universale — Pulizie, manutenzioni e trasporti Soc. coop. rl (Marghera) (Kawża T-280/00); GE.AL.VE. Srl (Venezia) (Kawża T-282/00); Metropolitan Srl (Venezia) (Kawża T-283/00); Hotel Concordia Snc (Venezia) (Kawża T-284/00); Manutencoop Soc. coop. rl (Bologna, l-Italja) (Kawża T-285/00); Società per l'industria alberghiera (SPLIA) (Venezia) (Kawża T-286/00); Principessa Srl (Venezia) (Kawża T-288/00); Albergo ristorante "All'Angelo" Snc (Venezia) (Kawża T-289/00); Albergo Saturnia Internazionale SpA (Venezia) (Kawża T-290/00); Savoia e Jolanda Srl (Venezia) (Kawża T-291/00); Hotels Biasutti Snc (Venezia Lido) (Kawża T-292/00); Ge.A.P. Srl (Venezia) (Kawża T-293/00); Rialto Inn Srl (Venezia) (Kawża T-294/00); u Bonvecchiati Srl (Venezia) (rappreżentant: A. Bianchini) (Kawża T-295/00)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci, aġent, assistit minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/394/KE, tal-25 ta' Novembru 1999, dwar miżuri ta' għajnuna favur impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Venezia u ta' Chioggia, previsti mil-Liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995 li jistabbilixxu tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (ĠU 2000, L 150, p. 50).